

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1217****tat-23 ta' Ġunju 2017****li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin***(notifikata bid-dokument C(2017) 4241)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti li għandhom impatt ambjentali mnaqqas tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jistipula li għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għal kull grupp ta' prodotti.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE <sup>(2)</sup> stabbiliet il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom għad-deterġenti tat-tindif b'użi multipli u għad-deterġenti tat-tindif sanitarji, li huma validi sal-31 ta' Diċembru 2016.
- (4) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi riċenti tas-suq u l-innovazzjoni li seħħet minn dak iż-żmien 'l hawn, qed jitqies li huwa xieraq li jiġi stabbilit sett rivedut ta' kriterji ekoloġiċi għal dak il-grupp ta' prodotti.
- (5) Il-kriterji riveduti, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom ikunu validi għal sitt snin minn meta ssir in-notifika dwar din id-Deċiżjoni, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu ta' innovazzjoni għal dak il-grupp ta' prodotti. L-għan ta' dawk il-kriterji huwa li jipromwovu prodotti li għandhom impatt imnaqqas fuq l-ekosistemi akkwatiċi, li fihom ammont limitat ta' sustanzi perikolużi, li huma effettivi u li jnaqqsu kemm jista' jkun il-produzzjoni tal-iskart billi jnaqqsu l-ammont ta' imballaġġ.
- (6) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE għandha titħassar.
- (7) Il-produtturi li l-prodotti tagħhom ingħataw l-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti tat-tindif b'użi multipli u għad-deterġenti tat-tindif sanitarji abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE għandhom jingħataw perjodu ta' tranżizzjoni sabiex ikollhom biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom biex dawn ikunu jikkonformaw mal-kriterji u mar-rekwiżiti riveduti.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-grupp ta' prodotti tal-"prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin" għandu jinkludi d-deterġenti tat-tindif b'użi multipli, id-deterġenti tat-tindif tal-kċejjen, id-deterġenti tat-tindif tat-twieqi u d-deterġenti tat-tindif sanitarji li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, li huma kkummerċjalizzati u maħsubin biex jintużaw bħala wieħed minn dawn li ġejjin:

— deterġenti tat-tindif b'użi multipli, li għandhom jinkludu prodotti deterġenti maħsubin għat-tindif regolari ta' wċuħ ebsin bħall-ħitan, l-art u wċuħ oħra fissi fuq ġewwa;

<sup>(1)</sup> ĠUL 27, 30.1.2010, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tat-tindif b'użi multipli u deterġenti tat-tindif sanitarji (ĠUL 169, 29.6.2011, p. 52).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti (ĠUL 104, 8.4.2004, p. 1).

- deterġenti tat-tindif tal-kċejjen, li għandhom jinkludu prodotti deterġenti maħsubin għat-tindif regolari ta' wċuħ tal-kċina bħall-uċuħ tal-bankijiet tal-kċina, l-uċuħ tal-kukers, is-sinkijiet tal-kċina u l-uċuħ tat-tagħmir tal-kċina, u għat-tneħħija tax-xaħam minn fuq dawn l-uċuħ;
- deterġenti tat-tindif tat-twieqi, li għandhom jinkludu prodotti deterġenti maħsubin għat-tindif regolari ta' twieqi, ħġieġ u wċuħ oħra llustrati sew; u
- deterġenti tat-tindif sanitarji, li għandhom jinkludu prodotti deterġenti maħsubin għat-tneħħija regolari, inkluż bl-għarik, ta' ħmieġ jew depożiti f'faċilitajiet sanitarji, bħall-kmamar tal-ħasil, it-tojlits, il-kmamar tal-banju u d-doċoċ.

Il-grupp tal-prodotti għandu jkopri l-prodotti kemm għall-użu privat u kemm għall-użu professjonali u li jinbiegħu jew f'forma mhix dilwita jew inkella lesti għall-użu. Il-prodotti għandhom ikunu taħlitiet ta' sustanzi kimiċi. Il-prodotti għall-użu privat m'għandux ikun fihom mikroorganiżmi li l-manifattur ikun żiedhom deliberatament.

#### Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "sustanzi mdaħħlin" tfisser sustanzi miżjudin bi ħsieb, prodotti sekondarji u impuritajiet mill-materja prima fil-formulazzjoni finali tal-prodott [(inkluż il-fojl li jdub fl-ilma, jekk jintuża)];
- (2) "prodott mhux dilwit" tfisser prodott li għandu jiġi ddilwit fl-ilma qabel jintuża;
- (3) "prodott lest għall-użu" tfisser prodott li m'għandux jiġi ddilwit fl-ilma qabel jintuża;
- (4) "imballaġġ primarju" tfisser:
  - (a) għal dożi fi qratas individwali li jkunu maħsubin biex jitneħħew qabel l-użu, il-qratas tad-dożi individwali u l-imballaġġ maħsub biex jikkostitwixxi l-iżgħar unità tal-bejgħ għad-distribuzzjoni lill-utenti jew lill-konsumaturi finali fil-post fejn jinxtara, inkluża t-tikketta jekk dan ikun applikabbli;
  - (b) għat-tipi l-oħra kollha ta' prodotti, l-imballaġġ maħsub biex jikkostitwixxi l-iżgħar unità tal-bejgħ għad-distribuzzjoni lill-utenti jew lill-konsumaturi finali fil-post fejn jinxtara, inkluża t-tikketta jekk dan ikun applikabbli;
- (5) "mikroplastiki" tfisser partikoli tal-plastik makromolekulari li ma jinħallx b'daq ta' inqas minn 5 mm, miksubin b'wieħed mill-proċessi li ġejjin:
  - (a) proċess ta' polimerizzazzjoni bħalma huma l-poliaddizzjoni, il-polikondensazzjoni jew proċess simili ieħor li fih jintużaw il-monomeri jew sustanzi oħra ta' bidu;
  - (b) il-modifika kimika ta' makromolekuli naturali jew sintetiċi;
  - (c) il-fermentazzjoni bil-mikrobi;
- (6) "nanomaterjal" tfisser materjal naturali, inċidentali jew manifatturat li fih partikoli, fi stat maħlul jew bħala aggregat jew agglomerat, u fejn, għal 50 % jew iktar tal-partikoli fid-distribuzzjoni dimensjonali numerika, dimensjoni esterna waħda jew aktar hija fil-firxa ta' daqs 1 nm-100 nm <sup>(1)</sup>.

#### Artikolu 3

Sabiex jingħataw l-Ekotiketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, il-prodotti tat-tindif għandhom ikunu jiffurmaw parti mill-grupp ta' prodotti tal-"prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin" kif iddefinit fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu konformi mal-kriterji u mar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom stabbiliti fl-Anness.

#### Artikolu 4

Il-kriterji għall-grupp ta' prodotti tal-"prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin" u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom għandhom ikunu validi għal sitt snin mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/696/UE tat-18 ta' Ottubru 2011 fuq id-definizzjoni tan-nanomaterjali (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 38).

*Artikolu 5*

Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta' prodotti tal-"prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin" għandu jkun "020".

*Artikolu 6*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE qed titħassar.

*Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jiffurmaw parti mill-grupp ta' prodotti tal-"prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin" li jitressqu qabel id-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu evalwati skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE.
2. L-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jiffurmaw parti mill-grupp ta' prodotti tal-"prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin" li jitressqu fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jissejsu jew fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE jew inkella fuq il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Dawk l-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji li fuqhom jissejsu.
3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE jistgħu jintużaw għal 18-il xahar mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
Karmenu VELLA  
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

## QAFAS

## IL-KRITERJI TAL-EKOTIKKETTA TAL-UE

**Il-kriterji għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti tat-tindif għal superfiċji iebsin**

## KRITERJI

1. Tossiċità għall-organiżmi akkwatiċi
2. Bijodegradabbiltà
3. Sorsi sostenibbli ta' żejt tal-palm, żejt tal-qalba tal-ġewż tal-palm u d-derivattivi tagħhom
4. Sustanzi esklużi u ristretti
5. Imballaġġ
6. Adegwatezza għall-użu
7. Informazzjoni għall-utenti
8. Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE

## VALUTAZZJONI U VERIFIKA

(a) **Rekwiżiti**

Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' valutazzjoni u ta' verifika huma indikati f'kull kriterju.

Meta l-applikant ikun jeħtieġlu jagħti dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżi, rapporti tat-testijiet, jew evidenza oħra lill-korpi kompetenti sabiex juri li hemm konformità mal-kriterji, dawn jistgħu jiġu mingħand l-applikant u/jew mingħand il-fornitur(i) tiegħu, kif ikun xieraq.

Il-korpi kompetenti għandhom jirrikonoxxu preferenzjalment iċ-ċertifikazzjonijiet li joħorġu korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittejtjar u tal-ikkalibrar, u l-verifiki li jagħmlu korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi. L-akkreditament għandu jsir skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

Meta jkun jixraq, jistgħu jintużaw metodi oħra tal-ittejtjar apparti daww imniżżla għal kull kriterju, diment li l-korp kompetenti li jkun qed jivvaluta l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Meta jkun jixraq, il-korpi kompetenti jistgħu jitolbu dokumentazzjoni ta' sostenn u jistgħu jagħmlu verifiki indipendenti jew żjarat fuq il-post.

Bħala prerekwiżit, il-prodott għandu jissodisfa r-rekwiżiti legali applikabbli kollha tal-pajjiż jew il-pajjiżi fejn il-prodott ikun intenzjonat li jitqiegħed fis-suq. L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dan ir-rekwiżit.

Il-lista "Il-Bażi tad-Dejta ta' Ingredjenti ta' Deterġenti" (il-lista DID), li tinsab fis-sit elettroniku tal-Ekotikketta tal-UE, fiha l-aktar sustanzi mdaħħla li jintużaw fil-formulazzjonijiet ta' deterġenti u kożmetiċi. Din għandha tintuża biex tinkiseb id-dejta għall-kalkoli tal-Volum Kritiku tad-Dilwizzjoni (CDV) u għall-valutazzjoni tal-bijodegradabbiltà tas-sustanzi mdaħħla. Għas-sustanzi li mhumiex fil-lista DID, tingħata gwida dwar kif għandha tiġi kkalkolata jew estrapolata d-dejta rilevanti.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Il-lista tas-sustanzi mdaħħla kollha għandha tiġi pprovduta lill-korp kompetenti, u turi l-isem kummerċjali (jekk ikun hemm), l-isem kimiku, in-numru CAS, in-numru DID, il-kwantità mdaħħla, il-funzjoni u l-forma preżenti fil-formulazzjoni tal-prodott finali (inkluż fojl li jinħall fl-ilma).

Il-priżervattivi, il-fwejjaħ u l-aġenti koloranti għandhom jiġu indikati irrispettivament mill-konċentrazzjoni tagħhom. Sustanzi mdaħħla oħra għandhom jiġu indikati meta jkun f'konċentrazzjoni ta' 0,010 % jew iktar tal-piż skont il-piż.

Is-sustanzi mdaħħla kollha preżenti fil-forma ta' nanomaterjali għandhom jiġu indikati b'mod ċar fil-lista, bil-kelma "nano" miktuba fil-parentesi.

Għal kull sustanza mdaħħla elenkata, għandhom jiġu pprovduti l-Iskedi tad-Dejta dwar is-Sikurezza (SDS) skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>. Meta ma jkunx hemm SDS ta' xi sustanza partikolari minħabba li tkun parti minn taħlita, l-applikant għandu jipprovi l-SDS tat-taħlita.

## (b) Limiti tal-kejl

Il-konformità mal-kriterji hi meħtieġa għal kull sustanza mdaħħla kif speċifikat fit-Table 1.

Tabella 1

### Limiti tal-kejl applikabbli għas-sustanzi mdaħħla skont il-kriterju għal prodotti tat-tindif għal superfiċji iebesin (% piż skont il-piż)

Isem il-kriterju		Aġenti tensjoattivi	Priżervattivi	Aġenti koloranti	Fwejjaħ	Ohrain (pereż. enżimi)
Tossiċità għall-organiżmi akkwatiċi		≥ 0,010	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	≥ 0,010
Bijodegradabbiltà	Aġenti tensjoattivi	≥ 0,010	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
	Sustanzi organiċi	≥ 0,010	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	≥ 0,010
Sorsi sostenibbli ta' żejt tal-palm		≥ 0,010	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	≥ 0,010
Sustanzi esklużi jew limitati	Sustanzi esklużi u limitati speċifikati	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)
	Sustanzi perikolużi	≥ 0,010	≥ 0,010	≥ 0,010	≥ 0,010	≥ 0,010
	SVHCs	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)	l-ebda limitu (*)
	Fwejjaħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	l-ebda limitu (*)	Mhux applikabbli
	Priżervattivi	Mhux applikabbli	l-ebda limitu (*)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠUL 396, 30.12.2006, p. 1).

Isem il-kriterju		Aġenti tensjoattivi	Priżervattivi	Aġenti koloranti	Fwejjaħ	Ohrain (pereż. enzimi)
	Aġenti koloranti	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	l-ebda limitu (*)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
	Enzimi	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	l-ebda limitu (*)
	Mikroorganiżmi	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	≥ 0,010

(\*) "l-ebda limitu" tfisser: irrISPettivament mill-konċentrazzjoni, is-sustanzi kollha miżjuda bi ħsieb, prodotti sekondarji u impuritaġiet mill-materja prima (limitu analitiku ta' detezzjoni).

### (c) L-ispeċifikaġiet tal-grupp tal-prodott

Jekk prodott jista' jkun fil-forma RTU kif ukoll fil-forma mhux dilwita u ż-żewġ forom tal-prodott jinbiegħu bħala parti minn lott wieħed (pereż. flixkun RTU u flixkun ta' rikarika tal-prodott mhux dilwit), iż-żewġ tipi ta' prodotti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżla fil-kriterji kollha tat-tipi rispettivi tagħhom.

Prodotti mhux dilwita f'imballaġġ maħsub għall-iskop ewlieni tar-rikarika ta' bottijiet b'mekkaniżmu ta' sprej jenħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji tal-imballaġġ għall-prodotti RTU.

#### DOŻAĠĠ TA' REFERENZA

Dan id-dożaġġ għandu jitqies bħala d-dożaġġ ta' referenza għall-kalkoli intiżi li jiddokumentaw il-konformità mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u għall-ittestjar tal-kapaċità ta' tindif.

Prodotti RTU	litru ta' prodott RTU
Prodotti mhux dilwiti	L-ogħla doża rakkomandata mill-manifattur għat-tħejjija ta' litru soluzzjoni tat-tindif għat-tindif ta' superfiċji normalment maħmuġa (indikata bħala g/l ta' soluzzjoni tat-tindif jew ml/l ta' soluzzjoni tat-tindif)

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovi t-tikketta tal-prodott jew l-iskeda tal-istruzzjonijiet għall-utenti li tinkludi l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ.

### Kriterju 1 — Tossiċità għall-organiżmi akkwatiċi

Il-volum kritiku tad-dilwizzjoni ( $CDV_{kroniku}$ ) tal-prodott ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin għad-doża ta' referenza.

Tip ta' prodott	Limitu tas-CDV (l/l ta' soluzzjoni tat-tindif)
Deterġenti tad-tindif ġenerali, RTU	350 000
Deterġenti tad-tindif ġenerali, mhux dilwiti	18 000
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, RTU	600 000
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, mhux dilwiti	45 000
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, RTU	48 000
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, mhux dilwiti	18 000
Deterġenti tat-tindif sanitarji, RTU	600 000
Deterġenti tat-tindif sanitarji, mhux dilwiti	45 000

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprova l-kalkolu tas- $CDV_{kroniku}$  tal-prodott. Spreadsheet għall-kalkolu tal-valur tas- $CDV_{kroniku}$  tinsab fis-sit elettroniku tal-Ekotikketta tal-UE.

Is- $CDV_{kroniku}$  huwa kkalkulat għas-sustanzi kollha li jiddaħħlu (i) fil-prodott, minbarra l-mikroorganiżmi, bl-użu tal-ekwazzjoni li ġejja:

$$CDV_{kronika} = \sum CDV(i) = 1\,000 \cdot \sum do\dot{z}a\dot{g}\dot{g}(i) \cdot \frac{DF(i)}{TF_{kronika}(i)}$$

Fejn:

id-dożaġġ(i): il-piż (g) tas-sustanza (i) fid-doża ta' referenza;

DF(i): il-fattur ta' degradazzjoni tas-sustanza (i);

$TF_{kronika}(i)$ : il-fattur ta' tossiċità kronika tas-sustanza (i).

Il-valuri tad-DF(i) u t- $TF_{kronika}(i)$  għandhom ikunu kif mogħtija fil-Parti A l-iktar aġġornata tal-lista DID. Jekk sustanza mdaħħla ma tiġix inkluża fil-Parti A, l-applikant għandu jagħmel stima tal-valuri billi jsegwi l-approċċ deskritt fil-Parti B ta' dik il-lista u jehmeż id-dokumentazzjoni assoċjata.

## Kriterju 2 — Il-bijodegradabbiltà

### (a) Il-bijodegradabbiltà tal-aġenti tensjoattivi

L-aġenti tensjoattivi kollha għandhom ikunu faċilment deġradabbli (ajrobikament).

L-aġenti tensjoattivi kollha kklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent akkwatiku: Il-Kategorija Akuta 1 (H400) jew il-Kategorija Kronika 3 (H412), skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, għandhom barra minn hekk ikunu bijodegradabbli anajrobikament.

### (b) Il-bijodegradabbiltà tal-komposti organiċi

Il-kontenut ta' sustanzi organiċi fil-prodott, minbarra l-mikroorganiżmi, li huma ajrobikament mhux bijodegradabbli (mhux bijodegradabbli malajr, aNBO) jew anajrobikament mhux bijodegradabbli (anNBO) ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin għad-doża ta' referenza.

Tip ta' prodott	aNBO (g/l ta' soluzzjoni tat-tindif)	anNBO (g/l ta' soluzzjoni tat-tindif)
Deterġenti tad-tindif ġenerali, RTU	3,00	55,00
Deterġenti tad-tindif ġenerali, mhux dilwiti	0,20	0,50
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, RTU	5,00	35,00
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, mhux dilwiti	0,20	0,50
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, RTU	2,00	20,00
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, mhux dilwiti	0,20	0,50
Deterġenti tat-tindif sanitarji, RTU	5,00	35,00
Deterġenti tat-tindif sanitarji, mhux dilwiti	0,20	0,50

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (G.U. L 353, 31.12.2008, p. 1).

*Valutazzjoni u verifika:* L-applikant għandu jipprovi dokumentazzjoni għad-degradabbiltà tal-aġenti tensjoattivi, kif ukoll għall-kalkolu tal-aNBO u tal-anNBO tal-prodott. Spreadsheet għall-kalkolu tal-valuri aNBO u anNBO tinsab fis-sit elettroniku tal-Ekotikketta tal-UE.

Għad-degradabbiltà tal-aġenti tensjoattivi u għall-valuri aNBO u anNBO tal-komposti organiċi, għandha ssir referenza għal-lista DID l-iktar aġġornata.

Għas-sustanzi mdaħħla li ma jkunux fil-Parti A tal-lista DID, għandha tingħata informazzjoni rilevanti mil-letteratura teknika jew minn sorsi oħra, jew jingħataw ir-riżultati xierqa tat-testijiet, li jkunu juru li huma ajrobikament u anajrobikament bijodegradabbli, kif tiddekrivi l-Parti B ta' dik il-lista.

Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar id-degradabbiltà, sustanza mdaħħla li ma tkunx aġent tensjoattiv tista' tiġi eżentata mir-rekwiżit tal-degradabbiltà anajrobika diment li tiġi ssodisfata waħda minn dawn it-tliet alternattivi:

- (1) tkun faċilment degradabbli u jkollha assorbiment baxx ( $A < 25 \%$ );
- (2) tkun faċilment degradabbli u jkollha desorbiment għoli ( $D > 75 \%$ );
- (3) tkun faċilment degradabbli u ma tkunx bjoakkumulattiva <sup>(1)</sup>.

L-ittestjar għall-assorbiment jew għad-desorbiment għandu jsir skont il-Linji Gwida tal-OECD Nru 106.

### **Kriterju 3 — Sorsi sostenibbli ta' żejt tal-palm, żejt tal-qalba tal-ġewż tal-palm u d-derivattivi tagħhom**

Is-sustanzi mdaħħla li jintużaw fil-prodotti li ġejjin miż-żejt tal-palm jew miż-żejt tal-qalba tal-ġewż tal-palm għandhom jinkisbu minn pjantaġġuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' skema ta' ċertifikazzjoni għall-produzzjoni sostenibbli li hija bbażata fuq organizzazzjonijiet b'diversi partijiet interessati u li għandha sħubija mifruxa, inklużi l-NGOs, l-industrija u l-gvern u li tindirizza l-impatti ambjentali inklużi dawk fuq il-ħamrija, il-bijodiversità, il-ħażniet tal-karbonju organiku u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali.

*Valutazzjoni u verifika:* L-applikant għandu jipprovi evidenza permezz ta' ċertifikati mingħand partijiet terzi u katina ta' kustodja li ż-żejt tal-palm u ż-żejt tal-qalba tal-ġewż tal-palm li jintużaw fil-manifattura tas-sustanzi mdaħħla jkunu ġejjin minn pjantaġġuni li huma mmaniġġjati b'mod sostenibbli.

Ċertifikati aċċettati jinħtieġ li jinkludu d-Diskussjonijiet Madwar Mejda Tonda dwar iż-Żejt tal-Palm Sostenibbli msejħa "Roundtable for Sustainable Palm Oil (RSPO)" (b'identità ppriżervata, segregata jew bilanċ tal-massa) jew kwalunkwe skema ta' produzzjoni sostenibbli ekwivalenti jew aktar stretta.

Għad-derivattivi kimiċi taż-żejt tal-palm u għaż-żejt tal-qalba tal-ġewż tal-palm, għandu jkun biżżejjed li tintwera sostenibbiltà permezz ta' sistemi "book&claim" bħalma huma ċ-ċertifikati GreenPalm jew ekwivalenti billi jingħataw l-ammonti ddikjarati tal-ACOP (l-Kommunikazzjonijiet ta' Progress Annwali) taċ-ċertifikati GreenPalm akkwistati jew mifdija matul il-perjodu ta' negozjar annwali l-aktar riċenti.

### **Kriterju 4 — Sustanzi esklużi u ristretti**

#### **(a) Sustanzi esklużi u ristretti speċifikati**

##### **(i) Sustanzi esklużi**

Is-sustanzi indikati hawn taħt ma għandhomx jiġu inklużi fil-formulazzjoni tal-prodott irrispettivament mill-konċentrazzjoni:

- Alkilfenoletossilati (APEOs) u derivattivi oħra tal-alkilfenol;
- Atranol;
- Kloroatranol;
- Aċidu dietilenetriamminapentaaċetiku (DTPA);
- Aċidu etilendiamminatetraaċetiku (EDTA) u l-impluħa tiegħu;

<sup>(1)</sup> Sustanza titqies mhux bjoakkumulattiva jekk il-valur BCF ikun  $< 100$  jew il-valur  $\log K_{ow}$  ikun  $< 3,0$ . Jekk il-valur BCF u l-valur  $\log K_{ow}$  ikunu disponibbli t-tnejn, għandu jintuża l-ogħla valur BCF imkejjejl.



- Il-formaldeid u r-rilaxxaturi tiegħu (pereż. 2-bromo-2-nitropropan-1,3-diol, 5-bromo-5-nitro-1,3-diossan, idrossimetilgliċinat tas-sodju, diażolidinilurea) bl-eċċezzjoni ta' impuritajiet tal-formaldeid f'aġenti tensjoattivi bbażati fuq il-kimika tal-poliakkoksi sa konċentrazzjoni ta' 0,010 % tal-piż skont il-piż fis-sustanza mdaħħla;
- Glutaraldeid;
- Idrossisoeżil 3-ċikloeżen karboksaldeid (HICC);
- Mikroplastiki;
- Nanofidda;
- Nitromiski u miski poliċikliċi;
- Fosfati;
- Alkaliti Perfluworurati;
- Imluħa kwaternarji tal-ammonju mhux faċilment bijodegradabbli;
- Komposti reattivi tal-kloru;
- Rodamina B;
- Triklosan;
- Butilkarbamat tat-3-jodo-2-propinil;
- Idrokarburi aromatiċi;
- Idrokarburi aloġenati.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, li jikkonfermaw li s-sustanzi elenkati ma għewx inklużi fil-formulazzjoni tal-prodott irrispettivament mill-konċentrazzjoni.

(ii) Sustanzi ristretti

Is-sustanzi indikati hawn taħt ma għandhomx jiġu inklużi fil-formulazzjoni tal-prodott f'konċentrazzjonijiet ikbar minn dawk indikati:

- 2-Metil-2H-iżotijażol-3-on: 0,0050 % tal-piż skont il-piż (jekk il-valur ta' 2-Metil-2H-iżotijażol-3-on permess fl-Anness V (Lista ta' preżervattivi permessi fil-prodotti kożmetiċi) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> ikun iktar baxx meta jiġi applikat, dan il-valur iktar baxx għandu jiehru preċedenza);
- 1,2-Benzotijażol-3(2H)-on: 0,0050 % tal-piż skont il-piż;
- 5-kloro-2-metil-4-iżotijażolin-3-on/2-metil-4-iżotijażolin-3-on: 0,0015 % tal-piż skont il-piż.

Il-kontenut totali ta' fosforu (P) ikkalkolat bħala P elementali għandu jkun limitat għal dawn il-valuri għad-dożaġġ ta' referenza.

Tip ta' prodott	Kontenut P
Deterġenti tad-tindif ġenerali, RTU	0,02 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tad-tindif ġenerali, mhux dilwiti	0,02 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, RTU	1,00 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, mhux dilwiti	1,00 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

Tip ta' prodott	Kontenut P
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, RTU	0,00 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, mhux dilwiti	0,00 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif
Deterġenti tat-tindif sanitarji, RTU	1,00 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tat-tindif sanitarji, mhux dilwiti	1,00 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif

Sustanzi tal-fwejjaħ soġġetti għar-reqwizit tad-dikjarazzjoni stipulat fir-Regolament (KE) Nru 648/2004 ma għandhomx ikunu preżenti fi kwantitajiet  $\geq 0,010$  % tal-piż skont il-piż għal kull sustanza.

Ma għandux ikun hemm KOV li jaqbżu l-limiti speċifikati hawn taħt (KOV tfisser kull kompost organiku li jkollu punt ta' togħlija ta' inqas minn 150 °C).

Tip ta' prodott	Limitu ta' KOV
Deterġenti tad-tindif ġenerali, RTU	30 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tad-tindif ġenerali, mhux dilwiti	30 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, RTU	60 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tad-tindif tal-kċejjen, mhux dilwiti	60 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, RTU	100 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tad-tindif tat-twieqi, mhux dilwiti	100 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif
Deterġenti tat-tindif sanitarji, RTU	60 g/l ta' prodott RTU
Deterġenti tat-tindif sanitarji, mhux dilwiti	60 g/l ta' soluzzjoni tat-tindif

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi dawn id-dokumenti:

- Jekk jintużaw l-isotijażolinoni, dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, li jikkonfermaw li l-kontenut ta' isotijażolinoni użati huwa ekwivalenti għal-limiti stabbiliti jew inqas.
- Dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, li jikkonfermaw li l-ammont totali ta' P elementali huwa ekwivalenti għal-limiti stabbiliti jew inqas; Id-dikjarazzjoni għandha tiġi appoġġjata bil-kalkoli tat-total ta' kontenut P tal-prodott.
- Dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet jew dokumentazzjoni mingħand il-fornituri, li jikkonfermaw li mhumiex preżenti sustanzi tal-fwejjaħ soġġetti għar-reqwizit tad-dikjarazzjoni stipulat fir-Regolament (KE) Nru 648/2004 f'ammonti li jaqbżu l-limiti stabbiliti.
- Dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, li jikkonfermaw li l-ammont totali ta' KOV huwa inqas mil-limiti stabbiliti. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi appoġġjata b'rapporti ta' testijiet jew kalkoli tal-kontenut ta' KOV abbażi tal-lista tal-ingredjenti.

(b) *Sustanzi perikolużi*(i) *Prodott finali*

Il-prodott finali ma għandux jiġi klassifikat u tikkettat bħala tossiku akut, bħala sustanza tossika speċifika għal organi ta' mira, bħala sensitizzatur respiratorju jew tal-ġilda jew bħala prodott karċinoġeni, mutaġeni jew tossiku għar-riproduzzjoni, jew bħala prodott perikoluż għall-ambjent akkwatiku, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u skont il-lista fit-Tabella 2.

(ii) *Sustanzi mdaħħla*

Il-prodott ma għandux ikollu sustanzi mdaħħla fl-limitu tal-konċentrazzjoni ta' 0,010 % jew iktar tal-piż skont il-piż fil-prodott finali li jilħqu l-kriterji tal-klassifikazzjoni bħala tossiċi, perikolużi għall-ambjent akkwatiku, sensitizzaturi respiratorji jew tal-ġilda jew karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni, skont l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u skont il-lista fit-Table 2.

Meta jkunu aktar stretti, il-limiti ġeneriċi jew speċifiċi tal-konċentrazzjoni ddeterminati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandhom jieħdu preċedenza.

Tabella 2

**Il-klassifikazzjonijiet ristretti tal-periklu u t-tqassim tagħhom f'kategoriji**

Tossiċità akuta	
Kategoriji 1 u 2	Kategorija 3
H300 Fatali jekk jinbela'	H301 Tossiku jekk jinbela'
H310 Fatali jekk imiss mal-ġilda	H311 Tossiku jekk imiss mal-ġilda
H330 Fatali jekk jinġibed man-nifs	H331 Tossiku jekk jinġibed man-nifs
H304 Jaf ikun fatali jekk jinbela' u jmur fil-pajp tan-nifs	EUH070 Tossiku jekk imiss mal-għajnejn
Tossiċità speċifika għal organi ta' mira	
Kategorija 1	Kategorija 2
H370 Jagħmel ħsara lill-organi	H371 Jaf jagħmel ħsara lill-organi
H372 Jagħmel ħsara lill-organi jekk jiġu esposti għalih fit-tul jew kemm-il darba	H373 Jaf jagħmel ħsara lill-organi jekk jiġu esposti għalih fit-tul jew kemm-il darba
Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda	
Kategorija 1 A/1	Kategorija 1B
H317 Jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika tal-ġilda	H317 Jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika tal-ġilda
H334 Jistgħu jikkawżaw sintomi ta' allerġija jew ta' ażma jew diffikultajiet biex jittieħed in-nifs jekk jinxtammu	H334 Jistgħu jikkawżaw sintomi ta' allerġija jew ta' ażma jew diffikultajiet biex jittieħed in-nifs jekk jinxtammu

Karċinoġenu, mutaġenu jew tossiku għar-riproduzzjoni	
Kategoriji 1 A u 1B	Kategorija 2
H340 Jaf jikkawża difetti ġenetiċi	H341 Suspettat li jikkawża difetti ġenetiċi
H350 Jaf jikkawża l-kanċer	H351 Suspettat li jikkawża l-kanċer
H350i Jaf jikkawża l-kanċer jekk jinġibed man-nifs	
H360F Jaf jagħmel ħsara lill-fertilità	H361f Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità
H360D Jaf jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf	H361d Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf
H360FD Jaf jagħmel ħsara lill-fertilità. Jaf jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf	H361fd Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha ma tweliditx
H360Fd Jaf jagħmel ħsara lill-fertilità. Suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija li għadha ma tweliditx	H362 Jista' jagħmel ħsara lit-tfal imreddgħa
H360Df Jaf jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf. Suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità	
Perikoluż għall-ambjent akkwatiku	
Kategoriji 1 u 2	Kategoriji 3 u 4
H400 Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi	H412 Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti fit-tul
H410 Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti fit-tul	H413 Jaf iħalli effetti dejjiema lill-organiżmi akkwatiċi
H411 Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti fit-tul	
Perikolużi għas-saff tal-ożonu	
H420 Perikoluż għas-saff tal-ożonu	

Dan il-kriterju ma japplikax għal sustanzi mdaħħla li jkopri l-Artikolu 2(7)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jstabbilixxi kriterji għall-eżenzjoni ta' sustanzi li hemm l-Annessi IV u V ta' dan ir-Regolament mir-reġistrazzjoni, mill-obbligi tal-utent downstream u mir-reqwiziti tal-evalwazzjoni. Sabiex isib jekk dik l-esklużjoni tkunx tapplika, l-applikant għandu jgħarrex għal kull sustanza mdaħħla li tkun preżenti f'konċentrazzjoni aktar minn 0,010 % tal-piż skont il-piż.

Is-sustanzi u t-taħlitiet fit-Table 3 huma eżentati mir-reqwizit 4(b)(ii).

Tabella 3

### Sustanzi derogati

Sustanza	Dikjarazzjoni tal-periklu
Aġenti tensjoattivi	H400 Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi
	H412 Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi u jħalli effetti fit-tul

Sustanza	Dikjarazzjoni tal-periklu
Enzimi (*)	H317 Jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika tal-ġilda
	H334 Jistgħu jikkawżaw sintomi ta' allerġija jew ta' ażma jew diffikultajiet biex jittieħed in-nifs jekk jinxtammu
NTA bħala impurità f'MGDA u GLDA (**)	H351 Suspettat li jikkawża l-kanċer

(\*) Inklużi stabbilizzaturi u sustanzi awżiljari oħrajn fil-preparazzjonijiet.

(\*\*) F'konċentrazzjonijiet aktar baxxi minn 0,2 % fil-materja prima sakemm il-konċentrazzjoni totali fil-prodott finali tkun aktar baxxa minn 0,10 %.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu juri konformità ma' dan il-kriterju għall-prodott finali u għal kull sustanza mdahhala li jkun hemm f'konċentrazzjoni akbar minn 0,010 % tal-piż skont il-piż fil-prodott finali. L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ tad-dikjarazzjonijiet tal-fornituri, jew SDS li jikkonfermaw li l-ebda waħda minn dawn is-sustanzi ma tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni b'waħda jew aktar mid-dikjarazzjonijiet tal-periklu elenkati fit-Table 2 fil-forma jew forum u fl-istat(i) fiżiku/fiżiċi kif inhuma preżenti fil-prodott.

Għas-sustanzi mniżżla fl-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li huma eżentati mill-obbligi tar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 2(7)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament, ikun biżżejjed li tingħata dikjarazzjoni tal-applikant għall-konformità.

L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, li jikkonfermaw il-preżenza ta' sustanzi mdahhala li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-deroga.

(c) *Sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs)*

Il-prodott finali ma għandux ikun fiha sustanzi mdahhala li ġew identifikati skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jistabbilixxi l-lista tal-kandidati għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, jew SDS li jikkonfermaw li ebda waħda mis-sustanzi fil-lista tal-kandidati mhi preżenti.

Fid-data tal-applikazzjoni għandha ssir referenza għall-aħħar aġġornament tal-lista tas-sustanzi identifikati bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna.

(d) *Fwejjaħ*

Kull sustanza mdahhala miżjuda mal-prodott bħala fwieħa għandha tkun immanifatturata u mmaniġġjata skont il-kodiċi tal-prattika tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Fwejjaħ (IFRA) <sup>(1)</sup>. Il-manifattur għandu jimxi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Istandards tal-IFRA fejn jidħlu l-projbizzjoni, l-użu ristrett u l-kriterji tal-purità speċifikati għas-sustanzi.

*Valutazzjoni u verifika:* il-fornitur jew il-manifattur tal-fwejjaħ għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata jekk ikun xieraq.

(e) *Priżervattivi*

(i) Il-prodott jista' jinkludi biss priżervattivi sabiex jippreżervaw il-prodott, u fid-dożaġġ xieraq għal dan l-iskop biss. Dan ma japplikax għall-aġenti tensjoattivi li jista' jkollhom ukoll proprjetajiet bijoċidali.

(ii) Il-prodotti jista' jkun fihom priżervattivi diment li dawn ma jkunux bjoakkumulattivi. Priżervattivi jgħid mhux bjoakkumulattivi jekk il-valur BCF ikun < 100 jew il-valur  $\log K_{ow}$  ikun < 3,0. Jekk il-valur BCF u l-valur  $\log K_{ow}$  ikunu disponibbli t-tnejn, għandu jintuża l-ogħla valur BCF imkejjel.

<sup>(1)</sup> Disponibbli fis-sit elettroniku tal-IFRA: <http://www.ifraorg.org>.

- (iii) Huwa pprojbit li jkun iddikjarat jew issuġġerit fuq l-imballaġġ jew bi kwalunkwe komunikazzjoni oħra li l-prodott jaġixxi kontra l-mikrobi jew għandu effett diżinfettanti.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, flimkien mal-SDS ta' kull priżervattiv miżjud, u informazzjoni dwar il-valur BCF jew log  $K_{ow}$  tiegħu. L-applikant għandu wkoll jipprovdi l-grafika tal-imballaġġ.

(f) *Aġenti koloranti*

L-aġenti koloranti fil-prodott ma għandhomx ikunu bjoakkumulattivi.

Aġent kolorant jitqies mhux bjoakkumulattiv jekk il-valur BCF ikun  $< 100$  jew il-valur log  $K_{ow}$  ikun  $< 3,0$ . Jekk il-valur BCF u l-valur log  $K_{ow}$  ikunu disponibbli t-tnejn, għandu jintuża l-oġġla valur BCF imkejjel. Jekk l-aġenti koloranti jkunu approvati biex jintużaw fl-ikel, mhemmx bżonn li titressaq dokumentazzjoni dwar il-potenzjal bjoakkumulattiv.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, flimkien mal-SDS ta' kull aġent kolorant miżjud, u informazzjoni dwar il-valur BCF jew log  $K_{ow}$  tiegħu, jew dokumentazzjoni li tiżgura li l-aġent kolorant huwa approvat biex jintuża fl-ikel.

(g) *Enżimi*

Għandhom jintużaw biss enżimi inkapsulati (f-forma solida) u enżimi f-forma likwida jew sospensjonijiet magħquda.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata u jekk ikun xieraq, bl-appoġġ ta' dikjarazzjonijiet tal-fornituri, flimkien mal-SDS ta' kull enżima miżjuda.

(h) *Mikroorganiżmi*

- (i) L-identifikazzjoni: il-mikroorganiżmi kollha miżjuda bi ħsieb għandu jkollhom numru tal-ATCC (American Type Culture Collection), ikunu parti minn kollezzjoni ta' Awtorità Depożitorja Internazzjonali (IDA — International Depository Authority) jew ikollhom id-DNA tagħhom identifikat skont "Protokoll tal-Identifikazzjoni tar-Razza" (billi tintuża s-sekwenza tad-DNA 16S ribosomal jew metodu ekwivalenti).

- (ii) Is-sikurezza: il-mikroorganiżmi kollha miżjuda bi ħsieb għandhom ikunu parti minn dawn it-tnejn:

- Il-Grupp ta' Riskju I kif definit fid-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> — aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol;
- il-lista tal-Preżunzjoni ta' Sikurezza Kwalifikata (QPS — Qualified Presumption of Safety) maħruġa mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA).

- (iii) In-nuqqas ta' kontaminanti: il-mikroorganiżmi patoġeniċi, kif definiti hawn taħt, ma għandhomx ikunu minn xi waħda mir-razez inklużi fil-prodott finali meta jsir l-iskrinjar bil-metodi ta' ttestjar indikati jew metodi ekwivalenti:

- E. Coli, metodu ta' ttestjar ISO 16649-3:2005;
- Streptococcus (Enterococcus), metodu ta' ttestjar ISO 21528-1:2004;
- Staphylococcus aureus, metodu ta' ttestjar ISO 6888-1;
- Bacillus cereus, metodu ta' ttestjar ISO 7932:2004 jew ISO 21871;
- Salmonella, metodu ta' ttestjar ISO6579:2002 jew ISO 19250.

- (iv) Il-mikroorganiżmi kollha miżjuda bi ħsieb ma għandhomx ikunu mikroorganiżmi ġenetikament modifikati (GMMs).

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 48).

- (v) Suxxettibbiltà għall-antibijotiċi: il-mikroorganiżmi kollha miżjuda bi ħsieb għandhom ikunu suxxettibbli, bl-eċċezzjoni tar-reżistenza intrinsika, għal kull waħda mill-ħames klassijiet ewlenin tal-antibijotiċi (aminoglikosid, makrolidi, β-lattamiku, tetraċiklina u fluworokinolon) skont il-metodu tat-tixrid bid-diski tal-EUCAST jew metodu ekwivalenti.
- (vi) L-għadd ta' mikrobi: il-prodotti waqt l-użu għandu jkollhom għadd standard ta' kolonji ta'  $1 \times 10^5$  ta' unitajiet li jiffurmaw kolonji (CFU- colony-forming units) għal kull ml jew iktar, skont ISO 4833-1:2014.
- (vii) Il-ħajja tal-ħażna: il-ħajja tal-ħażna minima tal-prodott ma għandhiex tkun inqas minn 24 xahar u l-għadd ta' mikrobi ma għandux jonqos b'iktar minn 10 % kull 12-il xahar skont ISO 4833-1:2014.
- (viii) Adegwatezza għall-użu: il-prodott għandu jissodifa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-Kriterju 6 dwar l-Adegwatezza għall-użu u d-dikjarazzjonijiet kollha tal-manifattur dwar l-azzjonijiet tal-mikroorganiżmi fil-prodott għandhom jiġu dokumentati permezz ta' ttestjar minn partijiet terzi.
- (ix) Dikjarazzjonijiet: huwa pprojbit li jkun iddikjarat jew issuġġerit fuq l-imballaġġ jew bi kwalunkwe komunikazzjoni oħra li l-prodott jaġixxi kontra l-mikrobi jew ikollu effett diżinfettanti.
- (x) Informazzjoni għall-utenti: it-tikketta tal-prodott għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
  - li l-prodott fih il-mikroorganiżmi;
  - li l-prodott ma għandux jintuża b'mekkaniżmu ta' sprejjar;
  - li l-prodott ma għandux jintuża fuq superfiċji li jkollhom kuntatt mal-ikel;
  - indikazzjoni tal-ħajja tal-ħażna tal-prodott.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi:

- (i) L-isem (tar-razza) u l-identifikazzjoni tal-mikroorganiżmi kollha inklużi fil-prodott bin-numri tal-ATCC jew tal-IDA jew bid-dokumentazzjoni fuq l-identifikazzjoni tad-DNA.
- (ii) Id-dokumentazzjoni li turi li l-mikroorganiżmi kollha huma parti mill-Grupp ta' Riskju I u l-lista tal-QPS.
- (iii) Id-dokumentazzjoni ta' ttestjar li turi li l-mikroorganiżmi patoġeniċi mhumiex preżenti fil-prodott.
- (iv) Id-dokumentazzjoni li turi li mhux il-mikroorganiżmi kollha huma GMMs.
- (v) Id-dokumentazzjoni ta' ttestjar li turi li l-mikroorganiżmi kollha huma suxxettibbli, bl-eċċezzjoni tar-reżistenza intrinsika, għal kull waħda mill-ħames klassijiet ewlenin tal-antibijotiċi indikati.
- (vi) Id-dokumentazzjoni ta' ttestjar tas-CFU għal kull ml ta' soluzzjoni waqt l-użu (għal prodotti mhux dilwiti, għandu jintuża l-proporzjon ta' dilwizzjoni rakkomandat għat-tindif "normali").
- (vii) Id-dokumentazzjoni ta' ttestjar tas-CFU għal kull ml ta' soluzzjoni waqt l-użu kull 12-il xahar għal prodott maħżun sa tmiem il-ħajja tal-ħażna tiegħu.
- (viii) Ir-riżultati ta' testijiet minn laboratorju ta' parti terzi li jagħtu prova tal-azzjonijiet iddikjarati tal-mikroorganiżmi, u l-grafika tal-imballaġġ jew kopja tat-tikketta tal-prodott li jsostnu kwalunkwe dikjarazzjoni dwar l-azzjonijiet tal-mikroorganiżmi.
- (ix) u (x) il-grafika tal-imballaġġ jew kopja tat-tikketta tal-prodott.

### **Kriterju 5 — L-imballaġġ**

#### **(a) Prodotti mibjugħa f'bottijiet tal-isprej**

Sprejs li jkun fihom il-propellenti ma għandhomx jintużaw. Il-bottijiet tal-isprej għandhom ikunu jistgħu jergħu jimtlew u jergħu jintużaw.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti li tiddeskrivi jew tiddokumenta kif jistgħu jergħu jimtlew il-bottijiet tal-isprej inklużi fl-imballaġġ.

(b) *Sistemi ta' teħid lura tal-imballaġġ*

Jekk il-prodott jitwassal fimballaġġ li jkun parti minn sistema ta' teħid lura, dak il-prodott jiġi eżentat mir-reqwiziti stabbiliti fil-punti (c) u (d) tal-Kriterju 5.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti li tiddekrivi jew turi li ġiet stabbilita sistema ta' teħid lura tal-imballaġġ.

(c) *Proporzjon piż/utilità (weight/utility ratio, WUR)*

Il-proporzjon piż/utilità (WUR) tal-prodott għandu jiġi kkalkulat għall-imballaġġ primarju biss u ma għandux jaqbeż dawn il-valuri għad-dożaġġ ta' referenza.

Tip ta' prodott	WUR (g/l ta' soluzzjoni tat-tindif)
Prodotti mhux dilwiti	15
Prodotti RTU	150
Prodotti RTU mibjugħa f'bottijiet b'mekkaniżmu ta' sprej	200

Imballaġġ primarju magħmul minn iktar minn 80 % ta' materjal riċiklat huwa eżentat minn dan ir-reqwizit.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovi kalkolu tal-WUR tal-prodott. Jekk il-prodott jinbiegħ fimballaġġi differenti, jiġifieri b'volumi differenti, għandu jitressaq il-kalkolu għal kull daqs tal-imballaġġ li għalih trid tingħata l-Ekotikketta tal-UE.

Il-WUR jiġi kkalkulat kif ġej:

$$WUR = \Sigma((W_i + U_i)/(D_i * R_i))$$

Fejn:

$W_i$ : il-piż (g) tal-imballaġġ primarju (i);

$U_i$ : il-piż (g) tal-imballaġġ riċiklat mhux wara l-użu fl-imballaġġ primarju (i).  $U_i = W_i$  sakemm l-applikant ma jstax juri mod ieħor;

$D_i$ : l-għadd ta' dożi ta' referenza fl-imballaġġ primarju (i). Fil-każ ta' prodotti RTU,  $D_i$  = il-volum tal-prodott (flitri);

$R_i$ : indiċi tar-rikariki.  $R_i = 1$  (l-imballaġġ ma jerġax jintuża għall-istess skop) jew  $R_i = 2$  (jekk l-applikant ma jiddokumentax li l-kontenut tal-imballaġġ jista' jerġa' jintuża għall-istess skop u jinbiegħu r-rikariki).

L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata li tikkonferma l-kontenut ta' materjal riċiklat wara l-użu, flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti. L-imballaġġ jitqies bħala riċiklat wara l-użu jekk il-materja prima li tintuża għall-imballaġġ tkun inġabret minn manifatturi tal-imballaġġ fl-istadju tad-distribuzzjoni jew fl-istadju tal-konsumatur.

(d) *Disinjar għar-riċiklaġġ*

L-imballaġġ tal-plastik għandu jiġi ddisinjat b'mod li jiffaċilita r-riċiklaġġ effettiv billi jiġu evitati kontaminanti u materjali inkompatibbli potenzjali li huma magħrufin li jfixklu s-separazzjoni jew l-ipproċessar mill-ġdid jew li jnaqqsu l-kwalità tal-materjal riċiklat. Wehdomhom jew flimkien, it-tikketta jew "shrink wrap", it-tapp u meta applikabbli, il-kisjiet tal-protezzjoni ma għandhomx jinkludu l-materjali u l-komponenti mniżżlin fit-Table 4. Il-mekkaniżmi tal-pompi (inklużi dawk tal-isprejs) huma eżentati minn dan ir-reqwizit.



Tabella 4

**Materjali u komponenti li ma għandux ikun hemm fost l-elementi tal-imballaġġ**

Element tal-imballaġġ	Materjali u komponenti esklużi (*)
Tikketta jew “shrink wrap”	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Tikketta jew “shrink wrap” PS flimkien ma’ flixxun PET, PP jew HDPE</li> <li>— Tikketta jew “shrink wrap” PVC flimkien ma’ flixxun PET, PP jew HDPE</li> <li>— Tikketta jew “shrink wrap” PETG flimkien ma’ flixxun PET</li> <li>— Kwalunkwe materjal tal-plastik ieħor għall-“shrink wraps”/għat-tikketti b’densità &gt; 1 g/cm<sup>3</sup> użat għal flixxun PET</li> <li>— Kwalunkwe materjal tal-plastik ieħor għall-“shrink wraps”/għat-tikketti b’densità &lt; 1 g/cm<sup>3</sup> użat għal flixxun PP jew HDPE</li> <li>— Tikketti jew “shrink wraps” metallizzati jew iwweldjati mal-qafas tal-imballaġġ (tikketta fonduta)</li> </ul>
Tapp	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Tapp PS flimkien ma’ flixxun PET, HDPE jew PP</li> <li>— Tapp PVC flimkien ma’ flixxun PET, PP jew HDPE</li> <li>— Tappijiet jew materjal tat-tappijiet PETG b’densità &gt; 1 g/cm<sup>3</sup> flimkien ma’ flixxun PET</li> <li>— Tappijiet tal-metall, tal-ħġieġ jew tal-EVA li ma jisseparawx ruħhom faċilment minn mal-flixxun</li> <li>— Tappijiet tas-silikon. Ħlief tappijiet tas-silikon b’densità &lt; 1 g/cm<sup>3</sup> flimkien ma’ flixxun PET u tappijiet tas-silikon b’densità &gt; 1 g/cm<sup>3</sup> flimkien ma’ flixxun PEHD jew PP.</li> <li>— Folji jew siġilli tal-metall li meta jinfetaħ il-prodott xorta jibqgħu mwaħħla mal-flixxun jew mat-tapp tiegħu</li> </ul>
Kisjiet tal-protezzjoni	Poliamid, poliolefini funzjonali, kisjiet ta’ lqugħ metallizzati u ħfief

(\*) EVA — Etilenvinilaċetat, HDPE — polietilen b’densità għolja, PET — poli etilenterefalat, PETG — polietilenterefalat glikol-modifikat, PP — Polipropilen, PS — Polistiren, PVC — Polivinilklorur

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta’ konformità ffirmata u li tispeċifika l-kompożizzjoni tal-materjal tal-imballaġġ inklużi l-kontenitur, it-tikketta jew “shrink wrap”, il-kolol, it-tapp, u l-kisja tal-protezzjoni, jekk ikun xieraq, kif ukoll ritratti jew disinni tal-imballaġġ primarju.

**Kriterju 6 — Adegwatezza għall-użu**

Il-prodott għandu jkollu prestazzjoni ta’ tindif sodisfaċenti bl-inqas temperatura u dożaġġ rakkomandati mill-manifattur għall-ebusija tal-ilma skont il-Qafas għall-ittejtjar tal-prestazzjoni ta’ prodotti tat-tindif għal superfiċji iebesin’ li jinsab fis-sit elettroniku tal-Ekotikketta tal-UE <sup>(1)</sup>.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dokumentazzjoni li turi li l-prodott ġie ttestjat fil-kundizzjonijiet imniżżla fil-qafas u li r-riżultati wrew li l-prodott laħaq tal-inqas il-prestazzjoni minima tat-tindif meħtieġa. L-applikant għandu jipprovdi wkoll dokumentazzjoni li turi l-konformità mar-rekwiżiti tal-laboratorju li hemm fl-istandards armonizzati rilevanti tal-laboratorji tal-ittejtjar u l-kalibrizzjoni, jekk ikun xieraq.

Jista’ jintuża test tal-prestazzjoni ekwivalenti jekk l-ekwivalenza tiġi vvalutata u aċċettata mill-korp kompetenti.

<sup>(1)</sup> Disponibbli fuq: [http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/performance\\_test\\_cleaners.pdf](http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/performance_test_cleaners.pdf).

**Kriterju 7 — Informazzjoni għall-utenti**

Il-prodott għandu jkollu miegħu struzzjonijiet dwar l-użu xieraq biex tittejjeb kemm jista' jkun il-prestazzjoni tal-prodott u jitnaqqas kemm jista' jkun l-iskart, filwaqt li t-tniġġis tal-ilma u l-użu tar-riżorsi jitnaqqsu wkoll. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jinqraw faċilment jew jinkludu disinni jew simboli, u għandu jkollhom informazzjoni dwar dawn:

**(a) Struzzjonijiet dwar id-dożaġġ**

L-applikant għandu jieħu passi xierqa biex jgħin lill-konsumaturi jirrispettaw id-dożaġġ rakkomandat, billi jipprovdi l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ u sistema ta' dożaġġ konvenjenti (pereż. tappijiet). It-test li ġej irid jidher fuq l-imballaġġ ta' prodotti RTU: "Dan il-prodott mhuwiex maħsub għal tindif fuq skala kbira".

L-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ għandhom jinkludu d-dożaġġ rakkomandat għal mill-inqas żewġ gradi ta' ħmieġ, u l-impatt tal-ebusija tal-ilma fuq id-dożaġġ jekk applikabbli.

Għandhom jingħataw indikazzjonijiet dwar l-ikbar prevalenza tal-ebusija tal-ilma fiż-żona fejn il-prodott ikun maħsub li jitqiegħed fis-suq jew fejn tista' tinstab din l-informazzjoni.

**(b) Informazzjoni dwar ir-rimi tal-imballaġġ**

L-imballaġġ primarju għandu jinkludi informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-rimi korrett tal-imballaġġ.

**(c) Informazzjoni ambjentali**

Fuq l-imballaġġ primarju għandu jkun hemm test li jispjega l-importanza li jintużaw id-dożaġġ korrett u l-inqas temperatura rakkomandata biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-konsum tal-enerġija u tal-ilma u t-tniġġis tal-ilma.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata flimkien ma' kampjun tat-tikketta tal-prodott.

**Kriterju 8 — L-informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE**

Il-logo għandu jkun viżibbli u leġibbli. In-numru tar-reġistrazzjoni/tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għandhom jidhru fuq il-prodott u għandhom ikunu leġibbli u viżibbli b'mod ċar.

L-applikant jista' jagħżel li jinkludi fuq it-tikketta kaxxa testwali bil-kliem li ġej:

- Impatt limitat fuq l-ambjent akkwatiku;
- Ammont ristrett ta' sustanzi perikolużi;
- Ittestjat għall-prestazzjoni tat-tindif tiegħu.

*Valutazzjoni u verifika:* l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità flimkien ma' kampjun tat-tikketta tal-prodott jew tal-grafika tal-imballaġġ fejn titqiegħed l-Ekotikketta tal-UE.

---